Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0205(COD)

2.2.2024

EMENDI
365 - 588

Abbozz ta' rapport
Michiel Hoogeveen
(PE757.355v01-00)

Qafas għall-Aċċess għad-Data Finanzjarja u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2022/2554

Proposta għal regolament
(COM(2023)0360 – C9-0215/2023 – 2023/0205(COD))

Emenda 365
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Utent tad-data għandu jkun eliġibbli biss biex ***jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1)*** jekk dak l-utent tad-data jkun ***soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità kompetenti bħala istituzzjoni finanzjarja jew ikun*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 14.	1. Utent tad-data għandu jkun eliġibbli biss biex ***jipprovdi servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni*** jekk dak l-utent tad-data jkun ***istituzzjoni finanzjarja jew persuna ġuridika li għandha uffiċċju reġistrat fl-Unjoni u li tkun ġiet awtorizzata bħala*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 366
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Utent tad-data għandu jkun eliġibbli biss biex ***jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1)*** jekk dak l-utent tad-data jkun ***soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità kompetenti bħala istituzzjoni finanzjarja jew ikun*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 14.	1. Utent tad-data għandu jkun eliġibbli biss biex ***jipprovdi servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni*** jekk dak l-utent tad-data jkun ***istituzzjoni finanzjarja jew persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun ġiet awtorizzata bħala*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 14.

Or. en

Ġustifikazzjoni

FISPs stabbiliti fl-Unjoni jew entitajiet regolati biss għandu jkollhom aċċess għad-data tal-klijent skont FIDA. Sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn użu potenzjalment ħażin tad-data tagħhom minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, tiġi żgurata superviżjoni u livell ekwu aħjar ta' dawn l-entitajiet, il-FISPs għandhom jitħallew biss jaċċessaw id-data tal-klijent tal-UE jekk ikunu stabbiliti fl-UE u awtorizzati minn awtorità kompetenti, biex tonqos il-possibbiltà li negozji

mhux tal-UE jiksbu awtorizzazzjoni bħala FISPs.

Emenda 367
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ewlenin ta' pjattaforma li għaliha jkunu ġew iddeżinjati wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli għall-finijiet tal-kondiviżjoni tad-data u għalhekk ma tistax titlob jew tingħata aċċess għad-data tal-klijenti.

Or. en

Emenda 368
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ewlenin ta' pjattaforma li għaliha jkunu ġew iddeżinjati wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli għall-finijiet tal-kondiviżjoni tad-data u għalhekk ma tistax titlob jew tingħata aċċess għad-data tal-klijenti.

Or. en

Emenda 369
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-konsumaturi m'għandhomx ma jitħallewx jaċċessaw prodott finanzjarju minn utent tad-data minħabba biss il-fatt li ma tawx permess sabiex id-data tagħhom tiġi aċċessata bil-mod stabbilit skont l-Artikolu 5(1). Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-oneru għandu jkun fuq l-utent tad-data biex juri li l-permess ingħata.

Or. en

Emenda 370
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Utent tad-data għandu jkollu aċċess biss għad-data tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.	2. Utent tad-data għandu ***jitlob u*** jkollu aċċess biss għad-data ***adegwata, rilevanti u meħtieġa*** tal-klijenti***,*** magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu***, u sakemm huma juru li għandhom raġuni legali valida skont l-artikolu 6(1)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2016/679***. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.

Or. en

Emenda 371
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Utent tad-data għandu jkollu aċċess biss ***għad-data*** tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.	2. Utent tad-data għandu ***jitlob u*** jkollu aċċess biss ***għal data*** tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) ***li tkun adegwata, rilevanti u meħtieġa*** għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.

Or. en

Emenda 372
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Utent tad-data għandu jkollu aċċess biss għad-data tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.	2. Utent tad-data għandu jkollu aċċess biss għad-data tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. Utent tad-data għandu jħassar ***din*** id-data tal-klijenti***, inkluż il-backups kollha, mingħajr dewmien żejjed*** meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.

Or. en

Emenda 373
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Klijent jista' jirtira l-permess li jkun ta lil utent tad-data. Meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, klijent jista' jirtira l-permess li jkun ta biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli għal utent tad-data skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom ikun soġġett.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-artikolu l-ġdid speċifiku dwar il-permess tal-klijent

Emenda 374
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Klijent jista' jirtira l-permess li jkun ta lil utent tad-data. Meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, klijent jista' jirtira l-permess li jkun ta biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli għal utent tad-data skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom ikun soġġett.	3. Klijent ***għandu jkun*** jista' jirtira l-permess li jkun ta lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin***. Meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, klijent jista' jirtira l-permess li jkun ta biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli għal utent tad-data skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom ikun soġġett.

Or. en

Emenda 375
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ma jittrasferixxi ebda data tal-klijent lil xi parti terza mingħajr il-permess espliċitu tal-klijent;

Or. en

Emenda 376
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirrispetta l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali meta d-data tal-klijenti tiġi aċċessata f'konformità mal-Artikolu 5(1);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-detentur tad-data ma jistax jivvaluta liema data hija relatata ma' sigrieti kummerċjali jew ma' drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Dan jista' jsir biss mill-klijent. Għalhekk, id-detentur tad-data ma għandu jinżamm responsabbli għal ebda ksur.

Emenda 377
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jirrispetta d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data għas-suġġett tad-data u l-livell ta' protezzjoni garantit mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 378
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jirrispetta d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data għas-suġġett tad-data u l-livell ta' protezzjoni garantit mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 379
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ma jipproċessax id-data tal-klijenti għal finijiet ta' reklamar***, ħlief għal marketing dirett f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali;***	(e) ma jipproċessax id-data tal-klijenti għal finijiet ta' reklamar

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu "marketing dirett" mhuwiex definit f'mod ċar fit-test. Id-data kondiviża mill-klijent ma tridx tintuża għal skopijiet ta' reklamar jew kummerċjalizzazzjoni mmirata.

Emenda 380
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) ma jipproċessax id-data tal-klijenti għal finijiet ta' reklamar, ħlief għal marketing diretti ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali***;	(e) ma jipproċessax id-data tal-klijenti għal finijiet ta' reklamar, ħlief għal marketing diretti***, dment li jkun hemm il-kunsens minn qabel tal-klijent***;

Or. en

Emenda 381
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ma jipproċessax id-data tal-klijenti għal finijiet ta' reklamar, ħlief għal marketing diretti ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali***;	(e) ma jipproċessax id-data tal-klijenti għal finijiet ta' reklamar, ħlief għal marketing diretti ***dment li jkun hemm kunsens minn qabel***;

Or. en

Emenda 382
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ma jagħmilx id-data li jirċievi disponibbli għal impriża ddeżinjata bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925.

Or. en

Emenda 383
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ma jagħmilx id-data li jirċievi disponibbli għal impriża ddeżinjata bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925.

Or. en

Emenda 384
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ma jittrasferixxix data tal-klijent lil xi parti terza, inkluż fi skema ta' esternalizzazzjoni, mingħajr il-permess espliċitu tal-klijent;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test jistipula li l-kunsens tal-klijent huwa meħtieġ għat-trasferiment tad-data lil entità oħra tal-grupp. A fortiori, dan għandu jkun meħtieġ ukoll qabel kwalunkwe trasferiment lil entità oħra li ma hijiex parti mill-grupp jew anke fi skema ta' esternalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-klijenti jżommu l-kontroll fuq id-data tagħhom fi kwalunkwe sitwazzjoni

Emenda 385
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) ma jagħmilx id-data li jirċievi disponibbli għal impriża ddeżinjata bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925;

Or. en

Emenda 386
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ma jużax id-data li jirċievi biex tiżviluppa prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-data aċċessata jew jikkondividi d-data ma' parti terza oħra għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 387
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ma jużax id-data li jirċievi biex tiżviluppa prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-data aċċessata jew jikkondividi d-data ma' parti terza oħra għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 388
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-obbligi li jinsabu f'dan l-Artikolu japplikaw meta d-data tiġi riċevuta inizjalment mill-utent tad-data. Ladarba l-utent tad-data jiġbor, jaħżen u jipproċessa d-data skont id-definizzjoni fl-

Artikolu 3(5), dan għandu jitqies detentur tad-data u għalhekk soġġett għall-obligazzjonijiet korrespondenti tad-detenturi tad-data fl-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni li utent tad-data se jsir detentur tad-data ladarba jiġbor u jaħżen data tal-klijent

Emenda 389
Marco Zanni, Antonio Maria Rinaldi, Valentino Grant

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Ladarba l-utent tad-data jiġbor, jaħżen u jipproċessa d-data skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(5), dan għandu jitqies bħala detentur tad-data u għalhekk soġġett għall-obligazzjonijiet tad-detenturi tad-data fl-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 390
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Ladarba l-utent tad-data jiġbor, jaħżen u jipproċessa d-data skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(5), dan għandu jitqies bħala detentur tad-data u għalhekk soġġett għall-obligazzjonijiet tad-detenturi tad-data fl-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 391
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Data skont dan ir-Regolament għandha tinħażen fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 392
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ipproċessar tad-data tal-klijenti msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament li tikkostitwixxi data personali għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata.	1. L-ipproċessar tad-data tal-klijenti msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament li tikkostitwixxi data personali għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata. ***Klijenti li jirrifjutaw li jagħtu permess biex jikkondividu settijiet tad-data tagħhom m'għandhomx jiġu rrifjutati l-aċċess għal prodotti finanzjarji minħabba din ir-raġuni.***

Or. en

Emenda 393
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ipproċessar tad-data tal-klijenti	1. L-ipproċessar tad-data tal-klijenti

msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament ***li tikkostitwixxi data personali*** għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata.	msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata. ***L-ipproċessar tad-data personali msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandu jsir f'konformità mal-Artikolu 5.1 tar-Regolament (UE) 2016/679.***

Or. en

Emenda 394
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu ***16*** tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa ***linji gwida*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur.	2. F'konformità mal-Artikolu ***10*** tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa ***standards tekniċi regolatorji*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għal prodotti u servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur, għall-ftehimiet ta' kreditu ipotekarju u għall-provvista ta' servizzi ta' pagament għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni sa Diċembru 2025. Is-setgħat se jiġu delegati lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta u, fejn meħtieġ, temenda standards tekniċi regolatorji fuq l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*** għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur. ***Dawk l-istandards tekniċi regolatorji għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (KE) Nru 1093/2010.***

Or. en

Emenda 395

Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur.	2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur***, ftehimiet ta' kreditu ipotekarju, kontijiet inkluż kontijiet ta' karti tal-kreditu u prodotti ta' investiment. L-EBA għandha tippreżenta l-abozz ta' linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Kummissjoni sa ...[XX]***.

Or. en

Emenda 396
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur.	2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur. ***Meta tagħmel hekk, l-EBA għandha tqis kif xieraq id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2023/2225 dwar ftehimiet ta' kreditu għall-klijenti, inkluża leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni u linji gwida sussegwenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-dispożizzjonijiet rilevanti tas-CCD huwa mixtieq sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piżijiet burokratiċi żejda.

Emenda 397
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità*** Bankarja ***Ewropea*** (EBA) għandha tiżviluppa ***linji gwida*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu ***tal-konsumatur***.	2. ***L-Awtorità Ewropea*** Bankarja (EBA) għandha tiżviluppa ***abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu ***tal-klijent, ftehimiet ta' kreditu ipotekarju u servizzi ta' pagament***.

Or. en

Emenda 398
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għall-prodotti u s-servizzi*** relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard.	3. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għal prodotti u servizzi*** relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa***, ta' vettura, tad-dar*** u tal-mard. ***Dawn il-linji gwida għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar kif id-data tista' tintuża biex tiġi evitata granularità eċċessiva li timmina l-prinċipju tal-***

	kondiviżjoni tar-riskju tal-assigurazzjoni. L-EIOPA għandha tippreżenta l-abbozz ta' linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa […].

Or. en

Emenda 399
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010,*** l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa ***linji gwida*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għall-prodotti u s-servizzi*** relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ***ta' assigurazzjoni*** tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard.	3. L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa ***abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għal prodotti u servizzi*** relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ***tal-assigurazzjoni mhux*** tal-ħajja, ***tal-ħajja,*** tas-saħħa u tal-mard. ***Sabiex jiġi evitat li ċerti konsumaturi ma jkunux jistgħu jaċċessaw assigurazzjoni minħabba valutazzjonijiet tar-riskju granulari żżejjed mill-assiguraturi, dawn l-istandards tekniċi regolatorji għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar kif id-data tista' tintuża biex tiġi evitata granularità eċċessiva li timmina l-prinċipju tal-"kondiviżjoni tar-riskju" tal-assigurazzjoni.***

Or. en

Emenda 400
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'konformità mal-Artikolu ***16*** tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa ***linji gwida*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard.	3. F'konformità mal-Artikolu ***10*** tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa ***standards regolatorji tekniċi*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja, ***tal-vettura, tad-dar,*** tas-saħħa u tal-mard***, kif ukoll dawk bażiċi, bħall-assigurazzjoni tal-karozza u tad-dar jew tal-propjetà, għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni sa Diċembru 2025***.

Or. en

Emenda 401
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni ***tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard***.	3. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni ***differenti mill-prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni***.

Or. en

Emenda 402
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni ***tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard***.	3. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni ***differenti mill-prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni*** .

Or. en

Emenda 403
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għall-finijiet tal-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-Artikolu, l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jindirizzaw:
	(a) il-limiti tal-kombinazzjoni ta' "data tal-klijent" miksuba skont il-Proposta ma' tipi oħra ta' data personali;
	(b) is-salvagwardji tal-ispjegabbiltà, tat-trasparenza u tal-evitar tal-preġudizzji meħtieġa li jiġu installati meta jiġu introdotti, użati jew imħarrġa għodod u algoritmi tal-Intelliġenza Artifiċjali għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet imsemmija fil-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-Artikolu;
	(c) l-obbligi ta' għoti ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji meta klijent jiġi ppreżentat b'offerta personalizzata li tkun ibbażata fuq it-tfassil ta' profili jew tipi oħra ta' pproċessar awtomatizzat ta' data personali;

(d) kif id-"dritt li wieħed jintesa" ta' persuni li jfiqu mill-kanċer għandu jkun applikabbli fir-rigward ta' poloz tal-assigurazzjoni mhux relatati mal-kreditu, inkluża l-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa, f'konformità mal-Artikolu 124 tar-Rapport 2020/2267 (INI) tal-Parlament Ewropew. Dan għandu jiġi estiż ukoll għal mard kroniku u kundizzjonijiet mentali oħra.

Or. en

Emenda 404
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom jiżviluppaw standards tekniċi regolatorji dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal prodotti u servizzi relatati mal-valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza meħtieġa skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2014/65/UE, l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2015/97, u l-Artikolu 81(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114 ta' konsumatur biex jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sa Diċembru 2025.

Or. en

Emenda 405
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta standards tekniċi regolatorji dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 2, 3 u 3a.

Or. en

Emenda 406
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Għall-finijiet tal-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-Artikolu, l-istandards tekniċi regolatorji għandhom jindirizzaw:
	(a) il-limiti tal-kombinazzjoni ta' "data tal-klijent" miksuba skont dan ir-Regolament ma' tipi oħra ta' data personali;
	(b) is-salvagwardji tal-ispjegabbiltà, tat-trasparenza u tal-evitar tal-preġudizzji meħtieġa li jiġu installati meta jiġu introdotti, użati jew imħarrġa għodod u algoritmi tal-Intelliġenza Artifiċjali għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet imsemmija fil-paragrafi (2), (3) u (3a) ta' dan l-Artikolu;
	(c) l-obbligi ta' għoti ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji meta klijent jiġi ppreżentat b'offerta personalizzata li tkun ibbażata fuq it-tfassil ta' profili jew tipi oħra ta' pproċessar awtomatizzat ta' data personali;
	(d) kif id-"dritt li wieħed jintesa" tas-superstiti tal-kanċer għandu jkun applikabbli fir-rigward ta' poloz tal-assigurazzjoni mhux relatati mal-kreditu,

inkluża l-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa, f'konformità mal-Artikolu 124 tar-Rapport 2020/2267 (INI) tal-Parlament Ewropew.Dan għandu jiġi estiż ukoll għal mard kroniku u kundizzjonijiet oħra;

(e) kif id-data tista' tintuża biex tiġi evitata granularità eċċessiva li timmina l-prinċipju tal-"kondiviżjoni tar-riskju" tal-assigurazzjoni.

Or. en

Emenda 407
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jkunu qed iħejju ***l-linji gwida*** msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA u l-EBA għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679.	4. Meta jkunu qed iħejju ***l-istandards tekniċi regolatorji*** msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA u l-EBA għandhom jikkooperaw mill-qrib ***u jfittxu konsultazzjoni formali*** mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679. ***L-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-EBA u l-EIOPA għandhom jindirizzaw ukoll, fejn xieraq, limiti fuq il-kombinazzjoni ta' data tal-konsumatur miksuba skont il-Proposta ma' tipi oħra ta' data personali.***

Or. en

Emenda 408
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jkunu qed iħejju ***l-linji gwida***	4. Meta jkunu qed iħejju ***standards***

msemmija fil-paragrafi 2 ***u 3*** ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA u l-EBA għandhom ***jikkooperaw mill-qrib mal-Bord*** Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679.	***regolatorji tekniċi*** msemmija fil-paragrafi 2***, 3 u 3a*** ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA***, l-ESMA*** u l-EBA għandhom ***jikkonsultaw formalment lill-Bord*** Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 409
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-klijenti ma jistgħux jiġu miċħuda aċċess għal prodott finanzjarju jekk ma jaqblux li d-data tagħhom tiġi kondiviża jew aċċessata permezz tal-qafas stabbilit minn dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-oneru tal-prova għandu jkun fuq l-utent tad-data.

Or. en

Emenda 410
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għandhom jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), u lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX) għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 411
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) għandhom jiżviluppaw linji gwida dwar l-ipproċessar tad-data tal-klijenti msemmija fl-Artikolu 2(1)(fa) ta' dan ir-Regolament li jikkostitwixxi data mhux sensittiva.

Or. en

Emenda 412
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 b. Għandhom jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX) għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 413
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Detentur tad-data għandu jipprovdi lill-klijent b'dashboard tal-permessi biex jimmonitorja u jiġġestixxi l-permessi li klijent ikun ipprovda lill-utenti tad-data.	1. Detentur tad-data għandu jipprovdi lill-klijent b'dashboard tal-permessi***, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għad-dashboards tal-permessi tad-data kif previst skont ir-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (PSR/PSD3),*** biex jimmonitorja u jiġġestixxi l-permessi li klijent ikun ipprovda lill-utenti tad-data.

Or. en

Emenda 414
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Detentur tad-data għandu jipprovdi lill-klijent b'dashboard tal-permessi biex jimmonitorja u jiġġestixxi l-permessi li klijent ikun ipprovda lill-utenti tad-data.	1. Detentur tad-data għandu jipprovdi lill-klijent b'dashboard tal-permessi ***li jkun disponibbli għall-konsumatur b'mod permanenti*** biex jimmonitorja u jiġġestixxi l-permessi li klijent ikun ipprovda lill-utenti tad-data.

Or. en

Emenda 415
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, ***inklużi***:	(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, ***sakemm din l-informazzjoni tkun ingħatat lid-detentur tad-data mill-utent tad-data, inklużż***:

Or. en

Emenda 416
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, ***inklużi***:	(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, ***sakemm din tkun ingħatat mill-utent tad-data, inkluż***:

Or. en

Emenda 417
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, ***inklużi***:	(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, ***f'format li jkun faċli jinftiehem, inkluż***:

Or. en

Emenda 418
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data, inklużi:	(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti lill-utenti tad-data ***fi kwalunkwe ħin***, inklużi:

Or. en

Emenda 419
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-isem tal-utent tad-data li jkun ingħatalu aċċess***;***	(i) l-isem ***u d-dettalji*** tal-utent tad-data li jkun ingħatalu aċċess

Or. en

Emenda 420
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ***l-iskop*** tal-permess;	(iii) ***deskrizzjoni dettaljata tal-għan*** tal-permess;

Or. en

Emenda 421
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) il-kategoriji ta' data kondiviża;	(iv) il-kategoriji ***speċifiċi*** ta' data kondiviża;

Or. en

Emenda 422
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) id-data ta' meta l-klijent ikun ta aċċess lil utent tad-data;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dashboard fornut mid-detenturi tad-data għandu jippermetti li l-klijenti jkunu jafu eżattament meta huma taw il-permess tagħhom lil utent tad-data speċifiku jew lil fornitur ta' servizz tal-informazzjoni finanzjara

Emenda 423
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt vb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(vb) il-post tad-data li tkun qed tiġi kondiviża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dashboard ipprovdut lid-detenturi tad-data għandu jippermetti li l-klijenti jkunu jafu l-post eżatt fejn tinħażen id-data tagħhom, fi kwalunkwe ħin.

Emenda 424
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jippermetti lill-klijent jirtira permess mogħti lil utent tad-data;	(b) jippermetti lill-klijent jirtira permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin u bla ħlas***;

Or. en

Emenda 425
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jippermetti lill-klijent jirtira permess mogħti lil utent tad-data;	(b) jippermetti lill-klijent jirtira permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin***;

Or. en

Emenda 426
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippermetti lill-klijent jerġa' jistabbilixxi kwalunkwe permess irtirat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 427
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippermetti lill-klijent jerġa' jistabbilixxi kwalunkwe permess irtirat;	(c) jippermetti lill-klijent jerġa' jistabbilixxi kwalunkwe permess irtirat ***fi kwalunkwe ħin***;

Or. en

Emenda 428
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi jkun faċli biex jinstab fl-interfaċċa tal-utent tiegħu u li l-informazzjoni murija fuq id-dashboard tkun ċara, preċiża u tinftiehem faċilment mill-klijent.	3. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi jkun faċli biex jinstab fl-interfaċċa tal-utent tiegħu u li l-informazzjoni murija fuq id-dashboard tkun ċara, preċiża u tinftiehem faċilment mill-klijent ***u li jkun f'konformità mal-oqfsa leġiżlattivi Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data u l-konsumatur, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva (UE) 2019/2161, id-Direttiva 93/13/KEE, u d-Direttiva 2011/83 UE***.

Or. en

Emenda 429
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi ma jkunx iddisinjat b'tali mod li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza b'mod ħażin lill-klijent biex jagħti jew jirtira l-permessi.Dan jinkludi:
	(a) il-proċedura biex jiġi rtirat il-kunsens m'għandux isir iktar diffiċli minn proċedura biex jingħata aċċess;
	(b) fornituri tad-dashboards ma għandhomx ifasslu, jorganizzaw jew joperaw l-interfaċċi tagħhom b'mod li

jqarraq jew jimmanipula r-riċevituri tas-servizz tagħhom jew b'mod li b'xi mod ieħor ifixkel materjalment il-kapaċità tar-riċevituri tas-servizz tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet ħielsa u infurmati.

Or. en

Emenda 430
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi ma jkunx iddisinjat b'tali mod li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza b'mod ħażin lill-klijent biex jagħti jew jirtira l-permessi, inkluż permezz tal-użu ta' xejriet skuri jew permezz tal-użu ta' kaxex ittikkjati minn qabel. Pereżempju, il-proċedura biex jiġi rtirat il-kunsens ma jistax ikun iktar diffiċli minn proċedura biex jingħata aċċess. L-EBA u l-EIOPA, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679, għandhom ikunu meħtieġa jiżviluppaw linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 431
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi huwa

ddisinjat b'mod faċli għall-utent, b'informazzjoni ppreżentata b'mod newtrali u mhux li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza b'mod ħażin lill-klijent biex jagħti jew jirtira l-permessi.

Or. en

Emenda 432
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Id-detenturi tad-data għandhom jużaw il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali maħruġa minn Stat Membru kif introdotta mill-proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea għall-konsumaturi biex jgħinu fl-identifikazzjoni ta' klijent online u jawtentikaw il-kunsens għall-għoti ta' permessi tal-konsumatur permezz tad-dashboards tal-permessi għall-aċċess għad-data.

Or. en

Emenda 433
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-detentur tad-data u l-utent tad-data li għalihom ikun ingħata permess minn klijent għandhom jikkooperaw biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-klijent permezz tad-dashboard ***f'ħin reali***. Sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi fil-	4. Id-detentur tad-data u l-utent tad-data li għalihom ikun ingħata permess minn klijent għandhom jikkooperaw biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-klijent permezz tad-dashboard ***immedjatament***. Sabiex jiġu ssodisfati l-

paragrafu 2(a), (b), (c) u (d) ta' dan l-Artikolu:	obbligi fil-paragrafu 2(a), (b), (c) u (d) ta' dan l-Artikolu:

Or. en

Emenda 434
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-detentur tad-data u l-utent tad-data li għalihom ikun ingħata permess minn klijent għandhom jikkooperaw biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-klijent permezz tad-dashboard ***f'ħin reali***. Sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi fil-paragrafu 2(a), (b), (c) u (d) ta' dan l-Artikolu:	4. Id-detentur tad-data u l-utent tad-data li għalihom ikun ingħata permess minn klijent għandhom jikkooperaw biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-klijent permezz tad-dashboard ***immedjatament***. Sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi fil-paragrafu 2(a), (b), (c) u (d) ta' dan l-Artikolu:

Or. en

Emenda 435
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Id-detentur tad-data għandu jinforma lill-utent tad-data bil-bidliet li jsiru f'permess dwar dak l-utent tad-data, magħmulin minn klijent permezz tad-dashboard.	(a) Id-detentur tad-data għandu jinforma lill-utent tad-data bil-bidliet li jsiru f'permess***, inkluż irtirar,*** dwar dak l-utent tad-data, magħmulin minn klijent permezz tad-dashboard.

Or. en

Emenda 436
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt b – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) il-bażi ġuridika skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR u, fejn rilevanti, l-eċċezzjoni skont l-Artikolu 9(2) tal-GDPR li jiddependu fuqha biex jaċċessaw data personali li tinsab fis-sett ta' data tal-klijenti;

Or. en

Emenda 437
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Id-detentur tad-data jeħtieġlu jikkontrolla l-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess kemm tal-klijent u ta' kwalunkwe utent tad-data, kif ukoll tad-dashboard tal-permess li permezz tagħha jiġu sottomessi t-talbiet.

Or. en

Emenda 438
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Id-detentur tad-data jeħtieġlu jikkontrolla l-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess kemm tal-klijent u ta' kwalunkwe utent tad-data, kif ukoll tad-dashboard tal-permessi li permezz tagħha jiġu sottomessi t-talbiet.

Or. en

Emenda 439
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-utent tad-data għandu jkun responsabbli għall-preċiżjoni tad-data pprovduta lid-detentur tad-data. L-utent tad-data għandu jkun responsabbli għall-preċiżjoni tad-data pprovduta lid-detentur tad-data.

Or. en

Emenda 440
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-utent tad-data għandu jinforma immedjatament lid-detentur tad-data dwar l-irtirar tal-permess.

Or. en

Emenda 441
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) L-utent tad-data huwa responsabbli għall-preċiżjoni tad-data pprovduta lid-detentur tad-data.

Or. en

Emenda 442
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 443
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** id-detenturi tad-data ***u l-utenti tad-data*** għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10***.***	1. Id-detenturi tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10 ***skont l-iskeda ta' ħin li ġejja:***
	i) 36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-kontijiet relatati mad-data ta' klijenti tal-ewwel livell (minbarra kontijiet ta' pagamenti), tfaddil (minbarra depożiti strutturati);
	ii) 48 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għas-self, krediti ipotekarji, kriptoassi tat-tieni livell (dment li l-bank konxjament iżomm l-assi fil-kustodja tiegħu f'isem il-klijent);
	iii) 60 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għat-tielet livell ta' data tal-klijenti relatata ma' investimenti fi strumenti finanzjarji, depożiti strutturati, prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, assi finanzjarji relatati

oħra (dment li l-bank konxjament iżomm l-assi fil-kustodja tiegħu f'isem il-klijent), prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skemi tal-pensjoni okkupazzjonali, skemi tal-pensjoni privati pan-Ewropej. Din il-miżura għandha tiġi implimentata biss wara fażi adegwata ta' ttestjar u valutazzjoni sabiex jiġu vverifikati l-benefiċċji għall-klijenti u l-interessi tagħhom.

Or. en

Emenda 444
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10**.**	1. Id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10 ***skont l-iskeda ta' ħin li ġejja:***
	i) 36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-kontijiet relatati mad-data ta' klijenti tal-ewwel livell (minbarra kontijiet ta' pagamenti), tfaddil (minbarra depożiti strutturati);
	ii) 48 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għas-self, krediti ipotekarji, kriptoassi tat-tieni livell (dment li l-bank konxjament iżomm l-assi fil-kustodja tiegħu f'isem il-klijent);
	iii) 60 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għat-tielet livell ta' data tal-klijenti relatata ma' investimenti fi strumenti finanzjarji, depożiti strutturati, prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, assi finanzjarji relatati oħra (dment li l-bank li konxjament iżomm l-assi fil-kustodja tiegħu f'isem il-klijent), prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skemi tal-pensjoni

okkupazzjonali, skemi tal-pensjoni privati pan-Ewropej. Din il-miżura għandha tiġi implimentata biss wara fażi adegwata ta' ttestjar u valutazzjoni sabiex jiġu vverifikati l-benefiċċji għall-klijenti u l-interessi tagħhom.

Or. en

Emenda 445
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.	1. Id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.

Or. en

Emenda 446
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fi żmien ***18-il*** xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.	1. Fi żmien ***36*** xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.

Or. en

Emenda 447

Caroline Nagtegaal, Esther de Lange

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fi żmien ***18-il*** xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data ***għandhom isiru*** membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.	1. Fi żmien ***36*** xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data ***jistgħu jsiru*** membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' aktar żmien biex tiġi żgurata implimentazzjoni ordnata.

Emenda 448
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fi żmien ***18-il xahar*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data ***għandhom isiru*** membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.	1. Fi żmien ***5 snin*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data ***jistgħu jsiru*** membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.

Or. en

Emenda 449
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** id-detenturi	1. Id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta'

tad-data u l-utenti tad-data għandhom isiru membri ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10.	kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tirregola l-aċċess għad-data tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 10 ***skont l-iskeda ta' żmien stipulata fl-Artikolu 9(1a)-(1c)***.

Or. en

Emenda 450
Michiel Hoogeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-implimentazzjoni ta' skema ta' aċċess għal data finanzjarja għandha tkun strutturata kif ġej:
	(a) Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-membri għandhom jaqblu dwar ir-regoli ġenerali applikabbli għal skema ta' aċċess għad-data finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 10(1)(a)-(f) u l-Artikolu 10(1)(i)-(j) ("fażi ta' żvilupp").
	(b) Fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-membri għandhom jaqblu dwar standards komuni u mudell biex jiddeterminaw il-kumpens f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(1)(g) u l-Artikolu 10(1)(h).Il-Membri għandhom jinnotifikaw ukoll skema ta' aċċess għad-data finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 10(4) ("fażi ta' implimentazzjoni").
	(c) Fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-membri għandhom jiżguraw li l-elementi kollha ta' skema ta' aċċess għad-data finanzjarja jkunu kompletament operattivi saż-żmien li dan ir-Regolament japplika fl-intier tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiżdied iċ-ċarezza dwar l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-FIDA, huwa ssuġġerit approċċ ibbażat fuq tliet stadji. Fil-fażi tal-iżvilupp, il-membri għandhom jaqblu dwar il-governanza ġenerali u r-regoli orizzontali ta' skema, inkluż dwar ir-responsabbiltà. Fil-fażi ta' implimentazzjoni għandhom jaqblu dwar standards komuni, il-mudell li jiddetermina l-kumpens, u l-obbligu li l-iskema tiġi nnotifikata. It-tielet stadju jiċċara li l-perjodu ta' sitt xhur bejn l-iżvilupp/in-notifika tal-iskema u l-applikazzjoni tar-Regolament kollu jista' jintuża biex jiġi żgurat li l-iskema tkun kompletament operattiva.

Emenda 451
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi żviluppata mill-parteċipanti fis-suq fil-perjodu ta' żmien speċifikat. F'każijiet fejn tali skema ma tiġix żviluppata f'konformità ma' dan ir-Regolament f'dan il-perjodu ta' żmien, dawk l-entitajiet involuti fl-istabbiliment tal-iskemi għandhom jaħdmu mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jiżviluppaw l-iskema, filwaqt li jqisu l-esperjenzi fis-suq kollu u dejjem iżommu f'moħħhom il-kunċett tal-istandardizzazzjoni tal-iskemi.

Or. en

Emenda 452
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fi żmien 36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data tal-kategoriji li ġejjin ta' data tal-klijenti għandhom isiru

membri ta' skema: kontijiet, inklużi kontijiet tal-karti ta' kreditu, ħlief kontijiet ta' pagament kif definiti fid-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (UE) 2015/2366 u kontijiet tekniċi, tfaddil, irrappreżentati minn depożiti b'terminu fiss, u kontijiet ta' tfaddil.

Or. en

Emenda 453
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fi żmien 48 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data tal-kategoriji li ġejjin ta' data tal-klijenti għandhom isiru membri ta' skema: ftehimiet ta' kreditu ipotekarju kif definiti fid-Direttiva (UE)2014/17, u data relatata ma' self b'pagamenti pprovduti mid-detentur tad-data;

Or. en

Emenda 454
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Fi żmien 60 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data tal-kategoriji li ġejjin ta' data tal-klijenti għandhom isiru membri ta' skema: investimenti fi strumenti finanzjarji, f'konformità mat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2014/65 u bl-esklużjoni ta'

	tranżazzjonijiet derivattivi użati għal finijiet ta' ġestjoni tar-riskju, prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni, assi finanzjarji relatati oħra, depożiti strutturati, u kriptoassi kif definiti skont l-Artikolu 3(1)(5) tar-Regolament (UE) 2023/1114, prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skemi tal-pensjoni okkupazzjonali, skemi tal-pensjoni privati pan-Ewropej, u l-kategoriji li jifdal koperti wkoll mill-Artikolu 2(1);

Or. en

Emenda 455
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jistgħu jsiru membri ta' aktar minn skema waħda ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja.	Id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jistgħu jsiru membri ta' ***waħda jew*** aktar minn skema waħda ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja ***f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, li kemm l-utent tad-data kif ukoll id-detentur tad-data jkunu membri tagħha***.

Or. en

Emenda 456
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe kondiviżjoni tad-data għandha ssir f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li tagħha kemm l-utent tad-data kif ukoll id-detentur tad-	***imħassar***

data jkunu membri.

Or. en

Emenda 457
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe kondiviżjoni tad-data ***għandha ssir*** f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja li ***tagħha*** kemm l-utent tad-data kif ukoll id-detentur tad-data jkunu membri.	Kwalunkwe kondiviżjoni tad-data ***trid issir*** f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ***u permezz biss*** ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja***,*** li kemm l-utent tad-data kif ukoll id-detentur tad-data jkunu membri ***tagħha***.

Or. en

Emenda 458
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe skambju ta' data li jista' jseħħ abbażi ta' ftehimiet kuntrattwali barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 459
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, ***b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta u ugwali fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema, kif ukoll piż ugwali fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies b'mod ugwali għaż-żewġ naħat;***	(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat,

Or. en

Emenda 460
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta ***u ugwali*** fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema***, kif ukoll piż ugwali fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies b'mod ugwali għaż-żewġ naħat***;	(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament għandu jħalli biżżejjed flessibbiltà għall-parteċipanti fis-suq biex jaqblu dwar mekkaniżmi ta' governanza differenti.

Emenda 461
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta ***u ugwali*** fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema, kif ukoll ***piż ugwali*** fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies ***b'mod ugwali*** għaż-żewġ naħat;	(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema, kif ukoll fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies għaż-żewġ naħat;

Or. en

Emenda 462
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) organizzazzjonijiet tal-klijenti u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi.	(ii) organizzazzjonijiet tal-klijenti u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi ***b'għarfien espert fis-servizzi finanzjarji, fi rwol ta' osservatur***.

Or. en

Emenda 463
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a – punt ii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet professjonali rilevanti.

Or. es

Emenda 464
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) kull waħda mill-partijiet elenkati fil-paragrafu (a) hawn fuq għandu jkollha rappreżentanza ġusta u ugwali fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema kif ukoll piż ugwali fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies b'mod ugwali għaż-żewġ naħat;

Or. en

Emenda 465
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) kull waħda mill-partijiet elenkati fil-paragrafu (a) hawn fuq għandu jkollha rappreżentanza ġusta u ugwali fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema kif ukoll piż ugwali fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies b'mod ugwali għaż-żewġ naħat.

Or. en

Emenda 466

Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tinkludi mekkaniżmu li permezz tiegħu r-regoli tagħha jistgħu jiġu emendati, wara analiżi tal-impatt u l-qbil tal-maġġoranza ta' kull komunità ta' detenturi tad-data ***u utenti tad-data***, rispettivament;	(e) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tinkludi mekkaniżmu li permezz tiegħu r-regoli tagħha jistgħu jiġu emendati, wara analiżi tal-impatt u l-qbil tal-maġġoranza ta' kull komunità ta' detenturi tad-data***, utenti tad-data u organizzazzjonijiet tal-konsumatur***, rispettivament;

Or. en

Emenda 467
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tinkludi mekkaniżmu li permezz tiegħu r-regoli tagħha jistgħu jiġu emendati, wara analiżi tal-impatt u l-qbil tal-maġġoranza ta' kull komunità ta' detenturi tad-data ***u utenti tad-data***, rispettivament;	(e) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tinkludi mekkaniżmu li permezz tiegħu r-regoli tagħha jistgħu jiġu emendati, wara analiżi tal-impatt u l-qbil tal-maġġoranza ta' kull komunità ta' detenturi tad-data***, utenti tad-data u assoċjazzjonijiet tal-konsumatur***, rispettivament;

Or. en

Emenda 468
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(g) skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja għandha tinkludi l-istandards komuni għad-data u l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu ***kondiviżjoni tad-data*** f'konformità mal-Artikolu 5(1). L-istandards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data li jaqblu li jużaw ***il-membri tal-iskema*** jistgħu jiġu żviluppati mill-membri tal-iskema jew minn partijiet jew korpi oħrajn;	(g) skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja għandha tinkludi l-istandards komuni għad-data u l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu ***aċċess għad-data*** f'konformità mal-Artikolu 5(1). L-istandards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data li ***l-membri tal-iskema*** jaqblu li jużaw ***għandhom jibbażaw fuq standards internazzjonali jew rikonoxxuti mill-industrija eżistenti jew*** jistgħu jiġu żviluppati mill-membri tal-iskema jew minn partijiet jew korpi oħrajn ***b'koordinazzjoni mal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/868***;

Or. en

Emenda 469
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tinkludi l-istandards komuni għad-data u l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu kondiviżjoni tad-data f'konformità mal-Artikolu 5(1). L-istandards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data li jaqblu li jużaw il-membri tal-iskema jistgħu jiġu żviluppati mill-membri tal-iskema jew minn partijiet jew korpi oħrajn;	(g) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tinkludi l-istandards komuni għad-data u l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu kondiviżjoni tad-data f'konformità mal-Artikolu 5(1). L-istandards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data li jaqblu li jużaw il-membri tal-iskema jistgħu jiġu żviluppati mill-membri tal-iskema jew minn partijiet jew korpi oħrajn; ***L-iżvilupp ta' standards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data għandhom jibbażaw fuq standards internazzjonali jew rikonoxxuti mill-industrija;***

Or. en

Emenda 470
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) skema ta' aċċess għad-data finanzjarja għandha tinkludi l-miżuri tekniċi u organizzattivi minimi li l-membri tal-iskema ta' aċċess għad-data finanzjarja għandhom jimplimentaw biex jiżguraw livell xieraq ta' sigurtà għad-data skambjata, inklużi miżuri ta' sigurtà biex ir-riskju tal-frodi jiġi pprevenut u mitigat.

Or. en

Emenda 471
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) skema ta' kondiviżjoni ta' data finanzjarja għandha tistabbilixxi wkoll miżuri tekniċi u organizzattivi minimi biex jiġi żgurat livell xieraq ta' sigurtà għall-iskambju ta' data personali;

Or. en

Emenda 472
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz	***imħassar***

ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

(i) jenħtieġ li jkun limitat għal kumpens raġonevoli direttament relatat mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent tad-data u li huwa attribwibbli għat-talba;

(ii) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema;

(iii) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq data komprensiva tas-suq miġbura mill-utenti tad-data u mid-detenturi tad-data dwar kull wieħed mill-elementi tal-kost li għandhom jiġu kkunsidrati u identifikati b'mod ċar f'konformità mal-mudell;

(iv) jenħtieġ li jiġi riežaminat u mmonitorjat perjodikament biex jitqies il-progress teknoloġiku;

(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn l-aktar livelli baxxi prevalenti fis-suq; u

(vi) jenħtieġ li jkun limitat għat-talbiet għad-data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) jew ikun proporzjonat għas-settijiet ta' data relatati fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu fil-każ ta' talbiet għad-data kkombinati.

Or. en

Emenda 473
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell	(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell

biex tiddetermina l-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:	biex tiddetermina l-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g) ***u li tikkunsidra inizjattivi mmexxija mis-suq għal skemi oħra ta' kumpens***. Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

Or. en

Emenda 474
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens ***massimu*** li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:	(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens ***adegwat*** li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

Or. en

Emenda 475
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens ***massimu*** li	(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens ***raġjonevoli*** li

detentur tad-data ***huwa intitolat li*** jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:	detentur tad-data ***jista'*** jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

Or. en

Emenda 476
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens ***massimu*** li detentur tad-data ***huwa intitolat li*** jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:	(h) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens ***raġjonevoli*** li detentur tad-data ***jista'*** jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

Or. en

Emenda 477
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***jenħtieġ li jkun limitat għal*** kumpens ***raġonevoli direttament relatat mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent*** tad-data u ***li huwa attribwibbli għat-talba***;	(i) ***f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2023/2854 (l-Att dwar id-Data), kwalunkwe*** kumpens ***- inklużi l-kostijiet imġarrba biex id-data ssir disponibbli u l-investiment fil-ġbir u l-***

	produzzjoni tad-data, kif ukoll marġni - maqbul bejn id-detentur tad-data u ***utent tad-data sabiex id-data ssir disponibbli, għandu jkun raġjonevoli***;

Or. en

Emenda 478
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***jenħtieġ li jkun limitat għal kumpens raġonevoli direttament relatat mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent*** tad-data u ***li huwa attribwibbli għat-talba***;	(i) ***kwalunkwe kumpens - inklużi l-kostijiet imġarrba biex id-data ssir disponibbli u l-investiment fil-ġbir u l-produzzjoni tad-data, kif ukoll marġni - maqbul bejn id-detentur*** tad-data u ***utent tad-data sabiex id-data ssir disponibbli għandu jkun raġonevoli***;

Or. en

Emenda 479
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jenħtieġ li jkun limitat għal kumpens ***raġonevoli direttament relatat mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent tad-data u li huwa attribwibbli għat-talba***;	(i) ***għandu*** jkun limitat għal kumpens ***raġonevoli***;

Or. en

Emenda 480
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jenħtieġ li jkun limitat għal kumpens raġonevoli direttament relatat ***mat-tqegħid*** tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent tad-data u li huwa attribwibbli għat-talba;	(i) ***għandu*** jkun limitat għal kumpens raġonevoli direttament relatat ***mal-kostijiet imġarrba fit-tqegħid*** tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent tad-data u li huwa attribwibbli għat-talba;

Or. en

Emenda 481
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema;	(ii) ***għandu*** jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema ***u jista' jinkludi marġni u jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tal-Att dwar id-Data (Regolament (UE) XX)***;

Or. en

Emenda 482
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema;	(ii) ***għandu*** jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema ***u jista' jinkludi marġni u jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tal-Att dwar id-Data (Regolament (UE) XXX)***;

Or. en

Emenda 483
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn l-aktar livelli baxxi prevalenti fis-suq; u	***imħassar***

Or. en

Emenda 484
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn l-aktar livelli baxxi prevalenti fis-suq; u	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament ma għandux jintroduċi regolazzjoni tal-prezzijiet de facto.

Emenda 485
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn l-aktar livelli	***imħassar***

baxxi prevalenti fis-suq; u

Or. en

Emenda 486
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn ***l-aktar livelli*** baxxi prevalenti fis-suq; ***u***	(v) ***għandu*** jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn ***il-livelli aktar*** baxxi prevalenti fis-suq;

Or. en

Emenda 487
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h – punt vi (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) għandu jiżgura li r-rimunerazzjoni għad-detentur tad-data ma jbatihiex il-klijent.

Or. en

Emenda 488
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) Kwalunkwe kumpens miftiehem bejn detentur tad-data u utent tad-data biex id-data ssir disponibbli f'relazzjonijiet bejn in-negozji għandu

jkun nondiskriminatorju u raġonevoli u jista' jinkludi marġini.Id-detentur tad-data u l-utent tad-data għandhom iqisu b'mod partikolari:

(a) il-kostijiet imġarrba biex id-data ssir disponibbli, inkluż, b'mod partikolari, il-kostijiet meħtieġa għall-ifformattjar tad-data, id-disseminazzjoni b'mezzi elettroniċi u l-ħżin;

(b) l-investiment fil-ġbir u l-produzzjoni ta' data, fejn ikun japplika, filwaqt li jitqies jekk partijiet oħra kkontribwixxewx għall-kisba, il-ġenerazzjoni jew il-ġbir tad-data inkwistjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The aim is to ensure a coherent approach to compensation under the Data Act and to incorporate the same provision as in Article 9 of the Data Act, which allows compensation for both the costs incurred in making data available and the investment in data collection and production, as well as the possibility of including a margin. Recital 29 provides that data holders may request reasonable compensation from data users for the implementation of application programming interfaces in order to ensure sufficient economic incentives. The possibility of recovering initial investment costs does not, however, appear anywhere in the articles. This proposal seeks to give effect to the Commission's intention by using the existing wording of the Data Act.

Emenda 489
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) B'kont meħud tal-livell ta' kumpens fis-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżviluppi fil-kalkolu, l-EBA f'kooperazzjoni mal-ESMA u l-EIOPA għandha tirrapporta pubblikament lill-Kummissjoni fuq bażi annwali dwar l-evoluzzjoni tat-tariffi ta' kumpens. Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tadotta att delegat skont l-Artikolu 30 biex tindirizza l-fallimenti tas-suq bl-użu ta'

	għodod proporzjonati u xierqa. L-EBA, l-ESMA u l-EIOPA għandhom jikkonsultaw lid-detenturi tad-data u lill-utenti tad-data mal-abbozzar ta' dawn ir-rapporti.

Or. en

Emenda 490
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-utent tad-data jkun intrapriża mikro, żgħira jew medja, kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003[42], kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni tar-riċevitur tad-data u li huma attribwibbli għat-talba.	***imħassar***
(i) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tiddetermina r-responsabbiltà kuntrattwali tal-membri tagħha, inkluż f'każ li d-data ma tkunx preċiża, jew tkun ta' kwalità inadegwata, jew is-sigurtà tad-data tkun kompromessa jew id-data tintuża ħażin. Fil-każ ta' data personali, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandhom ikunu f'konformità mad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2016/679;	
(j) skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għandha tipprevedi sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim indipendenti, imparzjali, trasparenti u effettiva biex issolvi t-tilwim fost il-membri tal-iskema u kwistjonijiet ta' sħubija, f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità stipulati mid-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43].	

[42] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (C(2003) 1422) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

[43] Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament ma għandux jintroduċi regolazzjoni tal-prezzijiet de facto.

Emenda 491
Michiel Hoogeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Detentur tad-data għandu jikkomunika ***lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu*** l-iskemi ta' ***kondiviżjoni*** tad-data finanzjarja li huwa parti minnhom, fi żmien xahar minn meta jissieħeb fi skema.	3. Detentur tad-data għandu jikkomunika l-iskemi ta' ***aċċess*** tad-data finanzjarja li huwa parti minnhom, fi żmien xahar minn meta jissieħeb fi skema***, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn qiegħed stabbilit. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tikkomunika din in-notifika lill-EBA, lill-ESMA jew lill-EIOPA kif applikabbli, abbażi tal-kompetenzi rispettivi tagħhom***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

lr-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissaħħaħ. L-aċċess għad-data huwa negozju fuq skala u l-iskemi għandhom ikunu jistgħu jiżdiedu b'mod iktar effettiv u mingħajr xkiel minn naħa għall-oħra tal-fruntieri.

Emenda 492
Michiel Hoogeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Skema ta' ***kondiviżjoni*** tad-data finanzjarja stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata ***lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti li jkunu membri ta' dik l-iskema fil-mument tal-istabbiliment tal-iskema. Meta l-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, jew meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti, l-iskema għandha tiġi nnotifikata lil dawn l-awtoritajiet kollha***, li għandhom ***jaqblu bejniethom dwar liema awtorità għandha twettaq il-valutazzjoni*** msemmija ***fil-paragrafu*** 6.	4. Skema ta' ***aċċess*** tad-data finanzjarja stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata ***direttament lill-EBA, lill-ESMA jew lill-EIOPA abbażi tal-kompetenzi rispettivi tagħhom***, li għandhom ***iwettqu l-valutazzjoni*** msemmija ***f'paragrafu*** 6.

Or. en

Ġustifikazzjoni

lr-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissaħħaħ. L-aċċess għad-data huwa negozju fuq skala u l-iskemi għandhom ikunu jistgħu jiżdiedu b'mod iktar effettiv u mingħajr xkiel minn naħa għall-oħra tal-fruntieri. Din l-emenda hija alternattiva għall-emenda 108 mill-abbozz ta' rapport jew deskrizzjoni dettaljata tagħha.

Emenda 493
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata ***lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-***	4. Skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata ***lill-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Awtorità***

aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti li jkunu membri ta' dik l-iskema fil-mument tal-istabbiliment tal-iskema. Meta l-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, jew meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti, l-iskema għandha tiġi nnotifikata lil dawn l-awtoritajiet kollha, li għandhom jaqblu bejniethom dwar liema awtorità għandha twettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 6.	***Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pernsjonijiet tax-Xogħol u lill-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-iskemi jiġu vvalutati fil-livell Ewropew mill-ASE aktar milli fil-livell nazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti. Ċertu livell ta' ċentralizzazzjoni huwa diġà previst fit-test bl-istabbiliment tar-reġistru definit fl-Artikolu 15, inklużi l-iskemi. Għalhekk, ikun aktar loġiku li din il-valutazzjoni titħalla f'idejn l-ASE, sabiex jiġu evitati valutazzjonijiet differenti ta' skemi mill-awtoritajiet nazzjonali u kundizzjonijiet li ma jkunux ekwi.

Emenda 494
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 4, ***l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta*** jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' kondiviżjoni ***tad-data*** finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. ***Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja mal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tikkonsulta awtoritajiet kompetenti oħrajn.***	Fi żmien xahar minn meta ***jirċievu*** n-notifika skont il-paragrafu 4, ***it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jivvalutaw*** jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' kondiviżjoni ***tad-data*** finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 495
Michiel Hoogeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 4, ***l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta*** jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' ***kondiviżjoni*** tad-data finanzjarja mal-paragrafu 1, ***l-awtorità kompetenti*** tista' tikkonsulta ***awtoritajiet kompetenti*** oħrajn.	Fi żmien xahar minn meta ***jirċievu*** n-notifika skont il-paragrafu 4, ***l-EBA, l-ESMA jew l-EIOPA għandhom jivvalutaw*** jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja mal-paragrafu 1, ***l-Awtorità Superviżorja Ewropea inkarigata mill-valutazzjoni*** tista' tikkonsulta ***mal-Awtoritajiet Ewropej Superviżorji l-oħrajn***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

lr-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissaħħaħ. L-aċċess għad-data huwa negozju fuq skala u l-iskemi għandhom ikunu jistgħu jiżdiedu b'mod iktar effettiv u mingħajr xkiel minn naħa għall-oħra tal-fruntieri. Din l-emenda hija alternattiva għall-emenda 109 mill-abbozz ta' rapport jew deskrizzjoni dettaljata tagħha.

Emenda 496
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja mal-paragrafu 1, l-awtorità	Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja mal-paragrafu 1, l-awtorità

kompetenti ***tista'*** tikkonsulta awtoritajiet ***kompetenti*** oħrajn.	kompetenti ***għandha*** tikkonsulta awtoritajiet ***superviżorji*** oħrajn ***skont ir-Regolament (UE) 2016/679***.

Or. en

Emenda 497
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mat-tlestija ***tal-valutazzjoni tagħha, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-EBA bi skema ta' kondiviżjoni*** tad-data finanzjarja ***nnotifikata li tissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1. Skema nnotifikata lill-EBA f'konformità ma' dan il-paragrafu*** għandha ***tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha għall-fini ta' aċċess għad-data skont l-Artikolu 5(1) u ma għandhiex teħtieġ notifika ulterjuri fi kwalunkwe Stat Membru ieħor***.	Mat-tlestija ***ta' din il-valutazzjoni, l-iskema tal-kondiviżjoni*** tad-data finanzjarja ***notifikata*** għandha ***ssir disponibbli fuq ir-reġistru msemmi fl-artikolu 15***.

Or. en

Emenda 498
Michiel Hoogeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha, ***l-awtorità kompetenti*** għandha tinforma ***lill-EBA bi skema ta' kondiviżjoni*** tad-data finanzjarja ***nnotifikata li tissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.*** Skema nnotifikata lill-EBA f'konformità ma' dan il-paragrafu għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha għall-fini ta' aċċess għad-data skont l-Artikolu 5(1) u ma għandhiex teħtieġ notifika ulterjuri fi	Mat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha, ***l-EBA, l-ESMA jew l-EIOPA għandhom jinformaw lill-membri tal-skema tal-aċċess*** tad-data finanzjarja ***jekk l-iskema tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1. Wara valutazzjoni pożittiva,*** skema nnotifikata lill-EBA***, lill-ESMA jew lill-EIOPA*** f'konformità ma' dan il-paragrafu għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha għall-fini ta' aċċess għad-

kwalunkwe Stat Membru ieħor.	data skont l-Artikolu 5(1) u ma għandhiex teħtieġ notifika ulterjuri fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

lr-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissaħħaħ. L-aċċess għad-data huwa negozju fuq skala u l-iskemi għandhom ikunu jistgħu jiżdiedu b'mod iktar effettiv u mingħajr xkiel minn naħa għall-oħra tal-fruntieri. Din l-emenda hija alternattiva għall-emenda 110 mill-abbozz ta' rapport jew deskrizzjoni dettaljata tagħha.

Emenda 499
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu rieżamijiet komprensivi regolari tal-arranġamenti ta' governanza tal-iskemi ta' kondiviżjoni tad-data stabbiliti fl-Artikolu 10(1). Dawn ir-rieżamijiet għandhom jinkludu valutazzjoni bir-reqqa u ddokumentata dwar jekk l-arranġamenti tal-iskemi humiex xierqa u kredibbli għall-finijiet li jiġi żgurat it-trattament responsabbli tad-data tal-klijenti.

Or. en

Emenda 500
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu rieżamijiet

komprensivi regolari tal-arranġamenti ta' governanza tal-iskemi ta' kondiviżjoni tad-data stabbiliti fl-Artikolu 10(1). Dawn ir-rieżamijiet għandhom jinkludu valutazzjoni bir-reqqa u ddokumentata dwar jekk l-arranġamenti tal-iskemi humiex xierqa u kredibbli għall-finijiet li jiġi żgurat it-trattament responsabbli tad-data tal-klijenti.

Or. en

Emenda 501
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Għoti tas-setgħa għal Att Delegat fil-każ ta' nuqqas ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja	
Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:	
(a) standards komuni għad-data u, fejn xieraq, l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu kondiviżjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1);	
(b) mudell biex jiġi ddeterminat il-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli;	

(c) ir-responsabbiltà tal-entitajiet involuti biex jagħmlu d-data tal-klijenti disponibbli.

Or. en

Emenda 502
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Għoti tas-setgħa għal Att Delegat fil-każ ta' nuqqas ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja	
Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:	
(a) standards komuni għad-data u, fejn xieraq, l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu kondiviżjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1);	
(b) mudell biex jiġi ddeterminat il-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli;	
(c) ir-responsabbiltà tal-entitajiet involuti biex jagħmlu d-data tal-klijenti disponibbli.	

Or. en

Emenda 503
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:	***imħassar***
(a) standards komuni għad-data u, fejn xieraq, l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu kondiviżjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1);	
(b) mudell biex jiġi ddeterminat il-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli;	
(c) ir-responsabbiltà tal-entitajiet involuti biex jagħmlu d-data tal-klijenti disponibbli.	

Or. en

Emenda 504
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ li ***ma tiġix żviluppata*** skema ***ta'***	Fil-każ li skema***ta' kondiviżjoni***tad-data

kondiviżjoni tad-data finanzjarja ***għal kategorija*** waħda jew aktar ta' data tal-klijenti ***skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin*** li taħthom detentur tad-data ***għandu*** jagħmel ***disponibbli d-data tal-klijenti*** skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:

finanzjarja***ma tiġix finalizzata għal***waħda jew aktar***kategoriji***ta' data tal-klijenti***elenkata(i) fl-Artikolu 2(1), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega r-raġunijiet tal-intervenzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.Ir-rapport għandu jqis kwalunkwe xogħol attwali dwar skema li diġà sar mill-industrija.Ir-rapport għandu jistabbilixxi l-modalitajiet***li taħthom detentur tad-data***jista'***jagħmel***id-data tal-klijent disponibbli***skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:

(a) standards komuni għad-data u, fejn xieraq, l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu kondiviżjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1);

(b) mudell biex jiġi ddeterminat il-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli;

(c) ir-responsabbiltà tal-entitajiet involuti biex jagħmlu d-data tal-klijenti disponibbli.

Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġjonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa, wara li tikkonsulta l-partijiet kollha kkonċernati, li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:

Or. en

Emenda 505

Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:	Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema tiġi stabbilita f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa***, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,*** li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:

Or. en

Emenda 506
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mudell biex jiġi ddeterminat il-kumpens ***massimu*** li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli;	(b) mudell biex jiġi ddeterminat il-kumpens ***adegwat*** li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli;

Or. en

Emenda 507
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fornitur ta’ servizzi ta’ informazzjoni finanzjarja għandu jkun eliġibbli biex jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) jekk ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru.	1. Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkun eliġibbli biex jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) ***għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja*** jekk ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru.

Or. en

Emenda 508
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fornitur ta’ servizzi ta’ informazzjoni finanzjarja għandu jkun eliġibbli biex jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) jekk ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru.	1. Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkun eliġibbli biex jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) ***għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja*** jekk ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru.

Or. en

Emenda 509
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fornitur ta’ servizzi ta’ informazzjoni dwar il-kontijiet irreġistrat skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 għandu jkun eliġibbli biex jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) jekk ikun kiseb awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja.

Or. en

Emenda 510
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet irreġistrat skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 jista' jaċċessa biss data skont l-Artikolu 5(1) jekk ikun kiseb awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe inċertezza u minħabba l-proċess ta' awtorizzazzjoni differenti u d-differenza fid-data aċċessata, l-AISPs għandu jkollhom awtorizzazzjoni bħala FISPs sabiex jieħdu sehem fil-FIDA.

Emenda 511
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-uffiċċju rreġistrat tiegħu, flimkien ma' dawn li ġejjin:	Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-uffiċċju rreġistrat tiegħu, ***jew, f'każ ta' persuna ġuridika jew impriża oħra stabbilita f'pajjiż terz, fl-Istat Membru fejn dawk il-persuni ġuridiċi ħatru rappreżentant tagħhom,*** flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 512
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi b'mod partikolari t-tip ta' aċċess għad-data previst;	(a) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi b'mod partikolari t-tip ta' aċċess għad-data ***u s-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja*** previst ***u jekk il-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandux xi kategorija ta' data dwar il-klijent skont l-Artikolu 2(1)***;

Or. en

Emenda 513
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi b'mod partikolari t-tip ta' aċċess għad-data previst;	(a) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi b'mod partikolari t-tip ta' aċċess għad-data previst ***u jekk il-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandux xi data dwar il-klijent skont l-Artikolu 2(1)***;

Or. en

Emenda 514
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju***, inkluż kalkolu tal-baġit imbassar għall-***	(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li juri li l-applikant jista' juża s-sistemi, ir-

ewwel 3 snin finanzjarji li juri li l-applikant jista' juża s-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri xierqa u proporzjonati biex jopera ***tajjeb***;	riżorsi u l-proċeduri xierqa u proporzjonati biex jopera ***tajjeb***;

Or. en

Emenda 515
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju***,*** inkluż kalkolu tal-bażit imbassar ***għall-ewwel 3 snin finanzjarji*** li juri li l-applikant jista' juża s-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri xierqa u proporzjonati biex jopera tajjeb;	(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju inkluż***, fejn applikabbli,*** kalkolu tal-bażit imbassar li juri li l-applikant jista' juża s-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri xierqa u proporzjonati biex jopera tajjeb;

Or. en

Emenda 516
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-applikant;	(j) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-applikant ***u, meta disponibbli, l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI)***;

Or. en

Emenda 517
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom ***jaċċessaw id-data***, jew xi garanzija komparabbli oħra, u għandhom jiżguraw dawn li ġejjin:	Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom ***qed jippruvaw ifornu prodotti jew servizzi finanzjarji***, jew xi garanzija komparabbli oħra, u għandhom jiżguraw dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 518
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom jaċċessaw id-data, jew xi garanzija komparabbli oħra, u għandhom jiżguraw dawn li ġejjin:	Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali ***jew garanzija komparabbli oħra,*** li tkopri t-territorji li fihom jaċċessaw id-data, jew xi garanzija komparabbli oħra, u għandhom jiżguraw dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 519
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, inklużi r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu ***1(a) sa (l)***;	(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, inklużi r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu ***2(a) sa (k)***;

Or. en

Emenda 520
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) x'inhi garanzija komparabbli, imsemmija fil-paragrafu ***2***, li jenħtieġ li tkun interkambjabbli ma' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali;	(c) x'inhi garanzija komparabbli, imsemmija fil-paragrafu ***3***, li ***għandha*** tkun interkambjabbli ma' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali;

Or. en

Emenda 521
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kriterji dwar kif għandu jiġi stipulat l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew ta' garanzija komparabbli oħra msemmija fil-paragrafu ***2***.	(d) il-kriterji dwar kif għandu jiġi stipulat l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew ta' garanzija komparabbli oħra msemmija fil-paragrafu ***3***.

Or. en

Emenda 522
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk l-impriża tipprovdix tipi oħrajn ta' servizzi ***jew hijiex*** involuta f'negozju ieħor;	(b) jekk l-impriża tipprovdix tipi oħrajn ta' servizzi***, tkunx*** involuta f'negozju ieħor***, jew iżżomx kwalunkwe kategorija ta' data tal-klijent skont l-Artikolu 2(1)***;

Or. en

Emenda 523
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk l-impriża tipprovdix tipi oħrajn ta' servizzi jew hijiex involuta f'negozju ieħor;	(b) jekk l-impriża tipprovdix tipi oħrajn ta' servizzi jew hijiex involuta f'negozju ieħor ***jew tkunx detentur tad-data***;

Or. en

Emenda 524
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Kwalunkwe impriża maħtura bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925, ma għandhiex tkun eliġibbli għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 525
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Rappreżentanti legali	

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni, iżda li jeħtieġu aċċess għad-data finanzjarja fl-Unjoni għandhom jaħtru, bil-miktub, persuna fiżika jew ġuridika bħala r-rappreżentant legali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri minn fejn il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkollu l-ħsieb li jaċċessa data finanzjarja.

2. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jagħtu mandat lir-rappreżentanti legali tagħhom biex jiġu indirizzati flimkien mal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jew minfloku mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għar-riċevuta, konformità u infurzar ta' dan ir-Regolament. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jipprovdu lir-rappreżentant legali tagħhom bis-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti u jiżguraw il-konformità mad-deċiżjonijiet tagħhom.

3. Ir-rappreżentant legali maħtur jista' jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u l-azzjonijiet legali li jistgħu jinbdew kontra l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja.

4. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jinnotifikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon tar-rappreżentant legali tagħhom lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit dak ir-rappreżentant legali. Huma għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni tkun aġġornata.

5. Il-ħatra ta' rappreżentant legali fl-Unjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tikkostitwixxi stabbiliment fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

FISPs stabbiliti fl-Unjoni jew entitajiet regolati biss għandu jkollhom aċċess għad-data tal-klijent skont FIDA. Sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn użu potenzjalment ħażin tad-data tagħhom minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, tiġi żgurata superviżjoni u livell ekwu aħjar ta' dawn l-entitajiet, il-FISPs għandhom jitħallew biss jaċċessaw id-data tal-klijent tal-UE jekk ikunu stabbiliti fl-UE u awtorizzati minn awtorità kompetenti li topponi l-possibbiltà għal negozji mhux tal-UE li jiksbu awtorizzazzjoni bħala FISPs.

Emenda 526
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Rappreżentanti legali	
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni, iżda li jeħtieġu aċċess għad-data finanzjarja fl-Unjoni għandhom jaħtru, bil-miktub, persuna fiżika jew ġuridika bħala r-rappreżentant legali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri minn fejn il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkollu l-ħsieb li jaċċessa data finanzjarja.	
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jagħtu mandat lir-rappreżentanti legali tagħhom biex jiġu indirizzati flimkien mal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jew minfloku mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għar-riċevuta, konformità u infurzar ta' dan ir-Regolament. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jipprovdu lir-rappreżentant legali tagħhom bis-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti u jiżguraw il-konformità mad-deċiżjonijiet tagħhom.	

3. Ir-rappreżentant legali maħtur jista' jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u l-azzjonijiet legali li jistgħu jinbdew kontra l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja.

4. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jinnotifikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon tar-rappreżentant legali tagħhom lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit dak ir-rappreżentant legali. Huma għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni tkun aġġornata.

5. Il-ħatra ta' rappreżentant legali fl-Unjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tikkostitwixxi stabbiliment fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 527
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jinnotifikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon tar-rappreżentant legali tagħhom lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit dak ir-rappreżentant legali. ***Huma*** għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni tkun aġġornata.	4. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jinnotifikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon tar-rappreżentant legali tagħhom lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit dak ir-rappreżentant legali. Għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni tkun aġġornata ***fuq bażi kontinwa***.

Or. en

Emenda 528
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni jekk l-informazzjoni u l-evidenza li jakkumpanjaw l-applikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu ***11(1) u (2)***. Qabel ma tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tista', fejn rilevanti, tikkonsulta ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħrajn.	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni jekk l-informazzjoni u l-evidenza li jakkumpanjaw l-applikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu ***12(1), (2), u (3), u fil-każ ta' fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja minn pajjiżi terzi, l-Artikolu 14(2)***. Qabel ma tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tista', fejn rilevanti, tikkonsulta ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħrajn.

Or. en

Emenda 529
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni jekk l-informazzjoni u l-evidenza li jakkumpanjaw l-applikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 11(1) u (2). Qabel ma tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti ***tista', fejn rilevanti,*** tikkonsulta ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħrajn.	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni jekk l-informazzjoni u l-evidenza li jakkumpanjaw l-applikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 11(1) u (2). Qabel ma tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti ***għandha*** tikkonsulta ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħrajn***, b'mod partikolari l-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679***.

Or. en

Emenda 530
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha tawtorizza fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun ikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikoli 12 u 16;	
(b) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun ħatar rappreżentant legali skont l-Artikolu 13;	
(c) meta l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tfittex li tistabbilixxi arranġament ta' kooperazzjoni xieraq mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni;	
(d) il-pajjiż terz fejn huwa stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ma huwiex elenkat bħala ġuriżdizzjoni mhux kooperattiva għal finijiet ta' taxxa skont il-politika rilevanti tal-Unjoni jew bħala ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz b'riskju għoli li tippreżenta nuqqasijiet f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675[44]	

[44] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi.

Ġustifikazzjoni

FISPs stabbiliti fl-Unjoni jew entitajiet regolati biss għandu jkollhom aċċess għad-data tal-klijent skont FIDA. Sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn użu potenzjalment ħażin tad-data tagħhom minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, tiġi żgurata superviżjoni u livell ekwu aħjar ta' dawn l-entitajiet, il-FISPs għandhom jitħallew biss jaċċessaw id-data tal-klijent tal-UE jekk ikunu stabbiliti fl-UE u awtorizzati minn awtorità kompetenti li topponi l-possibbiltà għal negozji mhux tal-UE li jiksbu awtorizzazzjoni bħala FISPs.

Emenda 531
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha tawtorizza fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun ikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikoli 12 u 16;	
(b) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun ħatar rappreżentant legali skont l-Artikolu 13;	
(c) meta l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tfittex li tistabbilixxi arranġament ta' kooperazzjoni xieraq mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni;	
(d) il-pajjiż terz fejn huwa stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ma huwiex elenkat bħala ġuriżdizzjoni mhux kooperattiva għal finijiet ta' taxxa skont il-politika rilevanti	

tal-Unjoni jew bħala ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz b'riskju għoli li tippreżenta nuqqasijiet f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675[44]

---

[44] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi.

Or. en

Emenda 532
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***meta l-fornitur*** ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni**,** l-awtorità kompetenti ***għandha tfittex li tistabbilixxi*** arranġament ta' kooperazzjoni xieraq mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni;	(c) ***il-fornitur*** ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni ***u*** l-awtorità kompetenti ***tkun stabbiliet*** arranġament ta' kooperazzjoni xieraq mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni;

Or. en

Emenda 533
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss jekk tkun

sodisfatta li l-arranġamenti ta' governanza tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja juru li jkun beħsiebu jwettaq attivitajiet kummerċjali sostantivi fl-Istat Membru fejn għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu.

Or. en

Emenda 534
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss jekk tkun sodisfatta li kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni ma ***jrendix lill-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja bħala entità kaxxa tal-ittri*** jew li dan ma jsirx bħala mezz biex jiġu evitati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.	5. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss jekk tkun sodisfatta li kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni ma ***jkunx qed isir għall-finijiet li l-fornitur jibbenefika minn qafas regolatorju f'ġurisdizzjoni fejn huwa ftit li xejn ikollu operazzjonijiet materjali jew ma jkollu l-ebda,*** jew li dan ma jsirx bħala mezz biex jiġu evitati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 535
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien ***3*** xhur minn meta tirċievi applikazzjoni jew, jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar jekk l-awtorizzazzjoni tingħatax jew tiġix irrifjutata. L-awtorità kompetenti għandha ***tagħti r-raġunijiet meta*** tirrifjuta	6. Fi żmien ***2*** xhur minn meta tirċievi applikazzjoni jew, jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar jekk l-awtorizzazzjoni tingħatax jew tiġix irrifjutata. L-awtorità kompetenti għandha ***tippreżenta lill-applikant rapport***

awtorizzazzjoni.

dettaljat dwar ir-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha meta hija tirrifjuta awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 536
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jekk awtorità superviżorja skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tistabbilixxi li fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkun kiser l-obbligi tiegħu skont il-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

Or. en

Emenda 537
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jinstab bi ksur tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont l-Artikolu 51 tal-istess Regolament għandhom ikunu dawk li jinnotifikaw li ġie stabbilit ksur.

Or. en

Emenda 538
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tagħti raġunijiet għal kull irtirar ta' awtorizzazzjoni u għandha tinforma lil dawk ikkonċernati b'dan. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika l-irtirar ta' awtorizzazzjoni ***f'verżjoni anonimizzata***.	L-awtorità kompetenti għandha tagħti raġunijiet għal kull irtirar ta' awtorizzazzjoni u għandha tinforma lil dawk ikkonċernati b'dan. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika l-irtirar ta' awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 539
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Skema ta' remunerazzjoni xierqa għandha tiġi stabbilita fl-iskemi ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja biex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fil-governanza tagħhom.

Or. en

Emenda 540
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornituri awtorizzati ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja**.**	(a) il-fornituri awtorizzati ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja***, inklużi l-isem, l-indirizz u, meta applikabbli, in-numru tal-awtorizzazzjoni, u deskrizzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja offruti;***

Or. en

Emenda 541
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) L-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 28(2).

Or. en

Emenda 542
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih biss data anonimizzata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 543
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih biss data anonimizzata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 544
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA u għandu jippermetti li l-informazzjoni elenkata tkun tista' tiġi mfittxija u aċċessata faċilment.	3. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA u għandu jippermetti li l-informazzjoni elenkata tkun tista' tiġi mfittxija u aċċessata faċilment***, u għandha tinqara minn kompjuter***.

Or. en

Emenda 545
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA u għandu jippermetti li l-informazzjoni elenkata tkun tista' tiġi mfittxija u aċċessata faċilment.	3. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA u għandu jippermetti li l-informazzjoni elenkata tkun tista' tiġi mfittxija u aċċessata faċilment***, mingħajr ħlas***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-PSD3

Emenda 546
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien lill-EBA l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha skont il-paragrafi	5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien lill-EBA l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha skont il-

1 ***u 3***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1 u 3 u biex iżommu dik l-informazzjoni aġġornata. Huma għandhom, fejn ikun teknikament possibbli, jittrażmettu din l-informazzjoni lill-EBA b'mod awtomatizzat.	paragrafi 1***, 3, u 4***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1 u 3 u biex iżommu dik l-informazzjoni aġġornata. Huma għandhom, fejn ikun teknikament possibbli, jittrażmettu din l-informazzjoni lill-EBA b'mod awtomatizzat.

Or. en

Emenda 547
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b – punt viii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(viii) jintalab l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi, jew it-tnejn li huma;	(viii) jintalab l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi, jew it-tnejn li huma***, f'konformità mad-dritt nazzjonali rilevanti***;

Or. en

Emenda 548
Michiel Hoogeveen

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) jordnaw lir-reġistri ***tad-dominju jew lir-reġistraturi*** biex iħassru isem ***tad-dominju*** kkwalifikat bis-sħiħ u ***jippermettu*** lill-awtorità kompetenti kkonċernata ***tirreġistra tali tħassir***.	(iii) ***fejn adatt,*** jordnaw lir-reġistri ***jew ir-reġistraturi tad-dominji*** biex iħassru isem ***ta' dominju*** kkwalifikat bis-sħiħ u ***jħallu*** lill-awtorità kompetenti kkonċernata ***tirreġistrah***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tallinja aktar mill-qrib din id-dispożizzjoni mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, jiġifieri r-Regolament dwar il-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur (ir-Regolament (UE) 2017/2394), b'mod

partikolari l-Artikolu 9(4)(g)(iii) tiegħu. L-azzjoni teknika fil-livell tal-isem tad-dominju għandha tiġi speċifikata biex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti jkollha kontroll fuq is-sjieda tal-isem tad-dominju.

Emenda 549
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Ilmenti
	Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment, individwalment jew, fejn rilevanti, kollettivament, mal-awtoritajiet kompetenti tal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, relatat mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Meta l-ilment jikkonċerna d-drittijiet ta' persuni fiżiċi skont ir-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat l-ilment lill-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u għandha tikkonsulta u tikkoopera magħhom fit-trattament ta' tali lmenti.

Or. en

Emenda 550
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli u n-natura tal-ksur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 551
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) fil-każ ta' persuna fiżika, multi amministrattivi massimi sa EUR ***25 000 għal kull ksur u sa total ta' EUR 250 000*** fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	(f) fil-każ ta' persuna fiżika, multi amministrattivi massimi sa EUR ***5 000 000*** fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mal-PSR

Emenda 552
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) fil-każ ta' persuna fiżika, multi amministrattivi massimi sa EUR ***25 000*** għal kull ksur u sa total ta' EUR ***250 000*** fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	(f) fil-każ ta' persuna fiżika, multi amministrattivi massimi sa EUR ***50 000*** għal kull ksur u sa total ta' EUR ***500 000*** fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. **.**

Or. en

Emenda 553
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sa EUR 50 000 għal kull ksur u sa total ta' EUR 500 000 fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];	***imħassar***

Or. en

Emenda 554
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sa ***EUR 50 000 għal kull ksur u sa*** total ta' EUR ***500 000*** fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];	(a) sa total ta' EUR ***5 000 000*** fis-sena, jew, fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom ma hijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita uffiċjali ta' dak l-Istat Membru nhar ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];

Or. en

Emenda 555
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***2*** % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali;	(b) ***10*** % tal-fatturat annwali totali ***madwar id-dinja*** tal-persuna ġuridika ***tas-sena finanzjarja preċedenti,*** skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjata mal-PSR u l-GDPR

Emenda 556
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***2*** % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali;	(b) ***10*** % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali;

Or. en

Emenda 557
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-gravità u ***d-durata tal-ksur***;	(a) ***in-natura,*** il-gravità u ***d-durata tal-ksur b'kont meħud tan-natura, il-kamp ta' applikazzjoni jew il-fini tal-ipproċessar ikkonċernat kif ukoll l-għadd ta' suġġetti tad-data affettwati u l-livell ta' dannu mġarrab minnhom***;

Or. en

Emenda 558
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-kategoriji ta' data personali affettwati mill-ksur;

Or. en

Emenda 559
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) il-mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità superviżorja, b'mod partikolari jekk il-kontrollur jew il-proċessur innotifika l-ksur, u f'dak il-każ sa fejn;

Or. en

Emenda 560
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 27a
	Ir-Rwol tal-Awtoritajiet Kompetenti fit-Twaqqif tal-Iskemi ta' Kondiviżjoni ta'

	Data Finanzjarja
	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu kkonsultati dwar inizjattivi mmexxija mis-suq fir-rigward tat-twaqqif ta' Skemi ta' Kondiviżjoni ta' Data Finanzjarja kif previst fl-Artikolu 9. F'tali rwol konsultattiv huma jistgħu jikkondividu data mhux sensittiva sabiex jassistu fit-twaqqif ta' skemi bħal dawn, bl-għan li jippromwovu l-istandardizzazzjoni, l-interfaċċi faċli għall-konsumatur, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Or. en

Emenda 561
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 11 għal perjodu ta' XX xhur minn … [OP jekk jogħġbok daħħal: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' XX xhur. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 562
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 563
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu ***11*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***tas-setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. ***Din*** għandha ssir effettiva ***l-għada tal-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ***għandhiex*** taffettwa l-validità ***ta' kwalunkwe*** att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega ***ta' setgħat*** imsemmija fl-Artikolu ***2(4a), l-Artikolu 2(4b), u l-Artikolu 11,*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ***mument*** mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ***ta' setgħa*** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva ***fil-jum wara l-pubblikazzjoni*** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma ***għandha*** taffettwa l-validità ***tal-ebda*** att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 564
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 ***dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet***.	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***lill-partijiet ikkonċernati u l-esperti*** nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali ***dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*** tat-13 ta' April 2016.

Or. en

Emenda 565
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	***imħassar***

Or. en

Emenda 566
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***2(4a), l-Artikolu 2(4b) u l-Artikolu*** 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 567
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Meta jiġu applikati l-Artikolu 2(4a), l-Artikolu 2(4b) u l-Artikolu 11, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonsulta mal-partijiet kollha rilevanti u mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għall-iżvilupp u l-emendar ta' każijiet ta' użu.

Or. en

Emenda 568
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-	1. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-

data = ***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari:	data = ***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 569
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari:	1. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***8*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 570
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' data u entitajiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 571
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-inklużjoni ta' tipi oħrajn ta' entitajiet fil-lista ***ta' dawk l-entitajiet mogħtija d-dritt ta' aċċess għad-data.***	(d) l-inklużjoni ta' tipi oħrajn ta' entitajiet fil-lista ***tad-detenturi tad-data u l-utenti tad-data stabbiliti skont dan ir-Regolament, inkluża l-inklużjoni ta' ċerti kategoriji ta' entitajiet b'karattru volontarju;***

Or. es

Emenda 572
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-impatt li kellu r-Regolament fuq l-inklużjoni finanzjarja u fuq is-sempliċità tal-prodott finanzjarju u tas-servizzi finanzjarji;

Or. en

Emenda 573
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-impatt tar-Regolament fuq l-esklużjoni finanzjarja.

Or. en

Emenda 574
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-adegwatezza tal-penali u l-miżuri amministrattivi.

Or. en

Emenda 575
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) kostijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. es

Emenda 576
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-finanzi sostenibbli.

Or. en

Emenda 577

Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data finanzjarja applikabbli għall-forniturи ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva (UE) 2015/2366. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, jekk jitqies xieraq, minn proposta leġiżlattiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 578
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data finanzjarja applikabbli għall-forniturи ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva (UE) 2015/2366. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, jekk jitqies xieraq, minn proposta leġiżlattiva.	2. Sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data finanzjarja applikabbli għall-forniturи ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet skont dan ir-Regolament u skont id-Direttiva (UE) 2015/2366. Ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, jekk jitqies xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Or. en

Emenda 579
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun kongruwenti mad-dati tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE)... [XXX - PSR] u d-Direttiva (UE)... [XXX - PSD3] u mhux qabel.***

Or. en

Emenda 580
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 581
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament

Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 582
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***48*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36, 48, 60*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 583
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***42*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn

9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 584
Giuseppe Ferrandino

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa rakkomandat li l-perjodu ta' implimentazzjoni propost għar-Regolament FIDA jiġi estiż minn 24 xahar għal 36 xahar u l-perjodu ta' żvilupp għall-FDSS jiġi pospost minn 18-il xahar għal 24 xahar. Din l-estensjoni se tagħti biżżejjed żmien lill-utenti tad-data u lid-detenturi tad-data biex jiżviluppaw oqfsa siguri għall-kondiviżjoni tad-data, li fl-aħħar iwasslu għal riżultati aħjar kemm għad-ditti kif ukoll għall-klijenti.

Emenda 585
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***30*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn

9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 586
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***30*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP***:*** jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. es

Emenda 587
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Huwa għandu japplika minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***48*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, l-Artikoli minn 9 sa 13 għandhom japplikaw minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***36, 48, 60*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 588
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 36a
	Rieżami
	5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirrieżamina l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari:
	(a) jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jiġi estiż għall-ġbir tad-data għall-finijiet li titwettaq valutazzjoni ta' idoneità u adegwatezza u liema tibdil leġiżlattiv għandu jinħtieġ biex tkun tista' sseħħ tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni;
	(b) jekk l-iskemi ta' data finanzjarja introdotti f'dan ir-regolament jaħdmux kif maħsub, b'mod partikolari għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju;
	(c) l-impatt fuq il-kompetizzjoni ġenerali u l-istruttura tas-suq;
	Fejn xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Or. en